MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 86/2021 LM

**Ravindra Omprakash Agarwal (K.I. 0077665A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriate Affairs***
*('id-Direttur appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ravindra Omprakash Agarwal (K.I. 0077665A)**, hawnhekk 'l-appellant', mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tad-9 t'Awwissu, 2021 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata') li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, u ikkonferma d-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal *status* ta'

resident li joqgħod għal żmien twil, meħuda mill-**Aġenzija Identity Malta** bħala korretta.

**Fatti**

2. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie infurmat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta tas-27 ta’ Diċembru, 2019, wara li fil-5 ta’ Settembru, 2019 huwa kien ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal *Long-Term Residence* kienet qiegħda tiġi rifjutata. Ir-rikorrent spjega li hu jaħdem bħala Tabib, u ilu jgħix u jaħdem hawn Malta mis-sena 2012. Qal li l-lingwa materna tiegħu hija l-Ingliż, u li huwa mwieled l-Indja iżda għex u ħadem fir-Renju Unit għal aktar minn għoxrin sena. Spjega li huwa m’għandux il-kwalifika ta’ QFM Level 2 fil-lingwa Maltija, iżda li huwa jitkellem waħda mil-lingwi uffiċjali ta’ Malta, l-Ingliż. Jirriżulta li fl-ittra li ntbagħtet lir-rikorrent mill-Aġenzija Identity Malta fis-27 ta’ Diċembru, 2019, huwa ġie mgħarraf li t-talba tiegħu għal *long-term residence status* ma setgħetx tiġi milqugħha *ai termini* tar-Regolamenti (S.L. 217.05), għaliex huwa naqas li jippreżenta evidenza li għandu r-rekwiżiti li ġejjin:

> “*(a) has obtained a pass mark of at least seventy-five percent and a confirmation of at least one hundred hours in order to obtain the Living and Working (‘I Belong’ Programme) in Malta course;*
>
> *(b) has obtained a pass mark of at least sixty-five percent after being assessed by the competent authorities to have achieved the equivalent of Malta Qualifications Framework Level 2 in Maltese; and*
>
> *(c) provides evidence that the necessary fees charged in relation to the courses, examinations and certificates referred to above have been paid.”*

## Mertu

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent għamel riferiment għall-fatt li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta, il-lingwi uffiċjali ta' pajjiżna huma l-Ingliż u l-Malti. Qal li għalhekk il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05 ma tistax tmur kontra l-Kostituzzjoni u tesiġi li min japplika għal *long-term resident status* ikun jitkellem il-Malti.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 t'Awwissu, 2021, il-Bord iddeċieda li r-rikorrent naqas milli jippreżenta prova li hu kien attenda għal xi kors fil-Lingwa Maltija, u għalhekk ċaħad l-appell tiegħu, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal from a decision issued by Identity Malta on the 27th December, 2019, wherein Identity Malta informed appellant that his application submitted on the 5th of September, 2019 in connection with his claim to hold a long term residence status in Malta cannot be acceded to as when carrying out their due diligence, it resulted that appellant failed to meet the requirements specified hereunder.*
>
> *Appellant failed to meet the requirements mentioned in sub-article 3 of Article 5 of S.L. 217.05 of the Laws of Malta. (fn. 1 (*3) In order to be eligible to apply for long-term resident status, a third country national shall provide evidence that he has complied with the following integration conditions, namely: (a) in the last twelve months immediately prior to the application for long-term resident status he has attended a course organised by the public employment service or any other competent authority of at least one hundred hours having as its subject matter the social, economic, cultural and democratic history and environment of Malta, and that he provides evidence certifying that he has attended at least one hundred hours of the lessons of these courses with satisfactory attention and that he has achieved an examination pass mark of at least seventy five percent; (b) has obtained a pass mark of at least sixty-five percent after being assessed by the competent authorities to

have achieved the equivalent of Malta Qualifications Framework Level 2 in Maltese; and (c) provides evidence that the necessary fees charged in relation to the courses, examinations and certificates referred to above have been paid.*)*

*Appellant lodged his appeal dated 4th January, 2020, received by the Immigration Appeals Board on the 6th of January, 2020 in terms of law. Decision was received by appellant on the 2nd of January, 2020, thus appeal was filed within the time set.*

*The Director for Citizenship and Expatriate Affairs filed his reply stating that Identity Malta's refusal should be confirmed.*

*The Immigration Appeals Board will examine appellant's appeal in terms of law and consider appellant's plea wherein this Board is being requested to uphold this appeal.*

***<u>Facts of the case</u>***

*In his appeal, appellant reiterates that he has been in Malta since the year 2012. In this regard a document issued by Jobsplus was presented showing appellant's history. Appellant was born in India and his mother tongue is English, which he speaks fluently. Appellant makes reference to the Constitution of Malta reaffirming that he speaks one of the two official languages spoken in Malta. Appellant argues that if the Immigration Act is in line with the Constitution, then accordingly he meets the requirements set out. Appellant requests a reconsideration of Identity Malta's decision.*

*Appellant presented various documents showing proof of employment, his profit and loss account showing that he is financially independent and that he will not resort to state assistance, besides that he duly pays his taxes. Renewal of his employment with CPRD until September 2024, references accrediting applicant's dedication to his work, colleagues and patients.*

***<u>The Maltese Constitution</u>***

*In his appeal, appellant makes reference to the Constitution of Malta, namely Article 5 of the Constitution of Malta which reads:*

(1) The National language of Malta is the Maltese language.

(2) The Maltese and the English languages and such other language as may be prescribed by Parliament (by a law passed by not less than two-thirds of all the members of the House of Representatives) shall be the official languages of Malta and the Administration may for all official purposes use any of such languages:

Provided that any person may address the Administration in any of the official languages and the reply of the Administration thereto shall be in such language.

(3) The language of the Courts shall be the Maltese language:

Provided that Parliament may make such provision for the use of the English language in such cases and under such conditions as it may prescribe.

(4) The House of Representatives may, in regulating its own procedure, determine the language or languages that shall be used in Parliamentary proceedings and records.

*It must be pointed out in terms of the Constitution of Malta, Article 1 makes it very clear that Malta's national language is Maltese. Article 5(2) goes on to say that Maltese and English and any other language as may be passed by not less than two thirds majority of all members of the House of Representatives, shall be the official language.*

*There is certainly a difference between National Language and the Official Language. National language is the language spoken by the majority of the population which reflects the identity of a country, whilst the official language is the language used by the administration and is used widely not just for communication but also for correspondence.*

***<u>S.L. 217.05 of the Laws of Malta</u>***

*Article 5 lists down the requirements which an applicant needs to meet in order to be eligible for Long Term residency. According to the decision given by Identity Malta, appellant failed to meet the requirements listed in sub-article 3 of Article 5 of S.L. 217.05. Appellant was never asked to learn or speak Malta's national language, which is the Maltese Language. Sub-article 3 defines what is expected from an applicant.*

"... in the last twelve months immediately prior to the application for long term resident status he has attended a course organised by the public employment service or any other competent authority of at least one hundred hours having as its subject matter the social, economic, cultural and democratic history and environment of Malta, and that he provides evidence certifying that he has attended at least one hundred hours of the lessons of these courses with satisfactory attention and that he has achieved an examination pass mark of at least seventy-five percent and has obtained a pass mark of at least sixty-five percent after being assessed by the competent authorities to have achieved the equivalent of Malta Qualifications Framework Level 2 in Maltese and provides evidence that the necessary fees charged

in relation to the courses, examination and certificates referred to above have been paid."

*During the hearing of this appeal, appellant presented documented evidence showing that he attended all 8 lessons of stage 1 of the I-Belong Maltese course and passed achieving 99% of the marks. Appellant confirmed that once he passes stage 1 he will register to follow stage 2.*

*Nowhere in article 5(3) is it mentioned that an applicant needs to become fluent in the Maltese language, but makes it clear that an applicant needs to have attended a course as stipulated of at least one hundred hours and that he achieves a pass mark of at least 65%. Appellant to date has not met this requirement.*

***Article 5 of EU Directive 2003/109/EC namely conditions for acquiring long-term resident status***

*In its paragraph 6, 7 and 8 mention the criterion required for acquiring long-term residence status. Mainly it is the duration of residency in that particular the territory of a Member State. Residence should be both legal and continuous in order to show that the person has put down roots in the country, with a degree of flexibility so that account can be taken of circumstances in which a person might have to leave the territory on a temporary basis.*

*Paragraph 7 speaks of adequate resources and sickness insurance, to avoid becoming a burden for the Member State. Member States, when making an assessment of the possession of stable and regular resources may take into account factors such as contributions to the pension system and fulfilment of tax obligations. Finally, paragraph 8 goes on to indicate that those nationals who wish to acquire and maintain long-term resident status should not constitute a threat to public policy or public security.*

*Article 1(a), (b) is a repetition of the preamble indicated above. Article 2 however requires that Member States may require third country nationals to comply with integration conditions in accordance with National law.*

*This is the only requirement which appellant has to date failed to meet. Also, Directive speaks of integration and Malta's national law is trying to achieve this by requesting applicants to join and successfully attend the requirement in article 5 sub-article 3(a), (b), (c) of SL217.05. Applicants are not being requested to become proficient in Maltese but to achieve knowledge of the social, economic, cultural and democratic history and environment of Malta.*

***Decide***

*The Immigration Appeals Board refers to sub-legislation 217.05, article 5 sub-article 3(a), (b) and (c) which requires that an applicant applying for long-term residency status must have attended a course organised by the public employment service or any other competent authority of at least one hundred hours having as its subject-matter the social, economic, cultural and democratic history and environment of Malta, and that he provides evidence certifying that he has attended at least one hundred hours of the lessons of these courses with satisfactory attention and that he has achieved an examination pass mark of at least seventy five percent and has obtained a pass mark of at least sixty-five percent after being.*

*Appellant failed to provide proof that he has met this requirement.*

*The remainder of the requirements listed have all been satisfied as otherwise Identity Malta would have also indicated them in their letter of refusal.*

*In view of the above and in terms of law, the Immigration Appeals Board rejects appeal.*

*In regard to appellant's single permit renewal and now that the long term residency status appeal has been decided, by means of this judgment, the Immigration Appeals Board orders Identity Malta to renew applicant's single permit application in terms of law within one (1) week from date of this judgment."*

## L-Appell

5. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fit-18 t'Awwissu, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni mogħtija fid-9 t'Awwissu, 2021, fl-ismijiet premessi, u dan billi tirrevoka d-deċiżjoni ta' rifjut kontra tiegħu dwar l-applikazzjoni tiegħu għal status ta' resident li joqgħod għal żmien twil, u konsegwentement tilqa' t-talba tiegħu sabiex jingħata l-istatus ta' resident li joqgħod għal żmien twil *ai termini* tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi).

6. L-appellant spjega li huwa ilu jgħix Malta għal madwar disa' snin, fejn jaħdem bħala tabib liċenzjat, u dan b'effett minn Ġunju 2012. Spjega li fil-bidu huwa kien jaħdem bħala tabib permezz tas-*single permit,* iżda wara l-2015 huwa beda jaħdem fuq bażi *self-employed* permezz ta' permess ta' residenza u liċenzja tal-impjieg li jiġġeddu kull sena. Qal li kemm ilu Malta huwa ħadem f'diversi postijiet, dejjem fil-qasam tas-saħħa, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, u fil-preżent huwa jaħdem bħala kuntrattur *self-employed* fejn jimpjega miegħu għadd ta' tobba Maltin. Qal ukoll li tul dawn is-snin huwa dejjem ikkontribwixxa għall-ekonomija Maltija billi ħallas it-taxxa dovuta u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u qatt ma kien ta' piż fuq il-pajjiż. Qal ukoll li huwa għandu kondotta netta u li jħossu Malti minħabba li integra sew fis-soċjetà Maltija. Żied jgħid li minkejja dan kollu, huwa jiffaċċja għadd ta' problemi kull darba li japplika sabiex iġedded il-permess ta' residenza u l-liċenzja tal-impjieg tiegħu, u dan minħabba ostakli li joħolqu l-*istakeholders* involuti fir-*renewals,* fosthom l-Aġenzija Identity Malta u l-JobsPlus. Qal li sabiex jevita dawn il-problemi, f'Diċembru tal-2019 huwa applika għal status ta' resident li joqgħod għal żmien twil *ai termini* tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), liema status ġie rifjutat fuq il-premessa li l-appellant ma ppreżentax biżżejjed evidenza ta' miżuri ta' integrazzjoni, fosthom il-kors *I-Belong* u l-kors tal-Malti. Qal ukoll li minkejja li fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Bord, huwa ppreżenta kopja tar-riżultati tal-kors tal-Malti li attenda u għadda minnu b'99% tal-marki, l-appell tiegħu xorta waħda ġie rifjutat għar-raġuni li huwa naqas milli jattendi kors organizzat mis-servizz tax-xogħol pubbliku jew kull awtorità kompetenti oħra, u li kien jikkonsisti għall-anqas minn mitt siegħa, u li kellu bħala materji tas-suġġetti l-

ambjent u l-istorja soċjali, ekonomika, kulturali u demokratika ta' Malta, *ai termini* tar-Regolament 3(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05. L-appellant sostna li f'dan il-każ il-Bord għamel apprezzament żbaljat kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi.

7. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu, kemm il-kors tal-Malti kif ukoll il-kors tal-ambjent u l-istorja soċjali, ekonomika, kulturali u demokratika ta' Malta kkontemplati fir-Regolament 3(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05, huma maħsuba bħala miżuri ta' integrazzjoni sabiex espatrijati jintegraw ruħhom mal-poplu Malti qabel jingħataw status ta' resident li joqgħod għal żmien twil. Qal ukoll li fiż-żmien li huwa ilu jgħix Malta, hu mhux talli integra bis-sħiħ mal-poplu Malti, talli llum huwa bniedem rispettat ferm fis-soċjetà Maltija, u jimpjega miegħu għadd ta' tobba Maltin li jitħallsu minnu, filwaqt li jaħdem ma' tliet entitajiet governattivi differenti, jiġifieri mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u maċ-ċentri ta' detenzjoni tal-immigranti. Qal ukoll li fil-fehma tiegħu, il-Bord naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatti rilevanti tal-każ, jiġifieri l-fatt li huwa integra bis-sħiħ mal-poplu Malti, bir-riżultat li bid-deċiżjoni tiegħu l-Bord mar kontra l-ispirtu tar-Regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05.

8. L-appellant qal ukoll li fit-tieni lok, il-Bord naqas milli jieħu konjizzjoni tal-argument tiegħu dwar l-*infringement proceedings* varati mill-Kummissjoni Ewropea dwar id-differenza fir-rekwiżiti applikabbli għal proċeduri ta' status ta' resident li joqgħod għal żmien twil, u dawk applikabbli għall-proċeduri ta' ċittadinanza b'naturalizzazzjoni. Qal li l-imsemmija *infringement proceedings* ġew imnedija abbażi tal-fatt li r-rekwiżiti dwar integrazzjoni applikabbli għall-

proċeduri ta’ status ta’ resident li joqgħod għal żmien twil, huma ferm aktar onerużi minn dawk applikabbli għal ċittadinanza b’naturalizzazzjoni. L-appellant qal li filwaqt li persuna tista’ tingħata ċertifikat ta’ naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta’ Malta jekk tissodisfa lill-Ministru li hija tkun irrisjediet f’Malta matul il-perijodu ta’ tnax-il xahar minnufih qabel id-data tal-applikazzjoni, li matul is-sitt snin minnufih qabel l-imsemmi perijodu, ikun irrisjeda f’Malta għal perijodi li jammontaw b’kollox għal mhux anqas minn erba’ snin, li jkun jaf tajjeb bil-Malti jew bl-Ingliż, u li jkun ta’ kondotta tajba u ċittadin tajjeb ta’ Malta, persuna bħalu, li sempliċement jixtieq li jingħata estensjoni ta’ ħames snin ta’ residenza, irid ikun suġġett għal korsijiet ta’ integrazzjoni, apparti minn tali rekwiżiti.

9. L-appellant qal ukoll li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti meta ordna lid-Direttur appellat iġedded il-permess tas-*single permit* tal-appellant fi żmien ġimgħa mid-data tad-deċiżjoni. Qal li s-*single permit* mhux applikabbli għaċ-ċirkostanzi tiegħu, għaliex bħala ħaddiem *self-employed* huwa intitolat li jirrisjedi u jaħdem f’Malta abbażi ta’ permess ta’ residenza u liċenzja tal-impjieg li jiġġeddu kull sena. Qal li fil-każ tiegħu l-permess ta’ residenza u liċenzja tal-impjieg għadhom validi sat-28 ta’ Novembru, 2021 u b’hekk id-deċiżjoni tal-Bord li ordna lid-Direttur iġeddidlu s-*single permit* fi żmien ġimgħa mid-data tad-deċiżjoni, ma tista’ qatt tiġi reża eżegwibbli.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-appell intavolat mill-appellant mhux proponibbli minħabba li dak li qiegħed jitlob l-appellant huwa reviżjoni tal-fatti li ġew miġjuba quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. L-

appellat qal li l-appellant ma jaqbilx mal-parti tad-deċiżjoni appellata fejn intqal li huwa ma jissodisfax ir-regolament 5(3)(a) tal-Liġi Sussidjarja 217.05. L-appellat qal li *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni hija waħda finali u m'hemmx appell minnha għajr fuq punti ta' dritt. L-appellant isostni li ladarba dan l-appell huwa bbażat fuq punti ta' fatt, għandu jiġi ddikjarat irritu u null.

11. L-appellat qal li jekk wieħed janalizza l-mertu tad-deċiżjoni tiegħu u tal-Bord, għandu jasal għall-konklużjoni li l-aggravji mressqa mill-appellant huma fil-maġġor parti tagħhom irrilevanti u m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-fatt li l-appellant ma ssodisfax ir-regolament 5(3)(a) tal-Liġi Sussidjarja 217.05. L-appellat kompla jgħid li l-*fundus* tar-rifjut għal-*long term residence application* tal-appellant huwa bbażat fuq il-fatt li huwa naqas milli jattendi għal kors ta' *living and working in Malta,* minimu ta' 100 siegħa, u li jġib marka ta' mhux anqas minn 75%. Qal li dan ir-rekwiżit għandu jitqies neċessarju bħala miżura ta' integrazzjoni fis-soċjetà Maltija, u għandu jkun evidenti li l-appellant ma jissodisfax dan ir-rekwiżit, u għalhekk ma jistax jifhem għal liema raġuni l-appellant qiegħed jippretendi li għandu jingħata *long term residence status.* L-appellat qal li kull riferiment għal *infringement proceedings* kemm mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kif ukoll mill-appellant, huwa żbaljat għal diversi raġunijiet. Spjega li dawk il-proċeduri għadhom *sub judice* u *sotto esame* u għalhekk l-ebda awtorità jew organu ieħor m'għandu jgħaddi xi ġudikat jew konsiderazzjonijiet fuq *infringement proceedings* li mhumiex magħluqa. Qal ukoll li din il-Qorti m'għandhiex tarroga ġurisdizzjoni residwali sabiex tisma', anki fuq bażi *prima facie,* u tgħaddi ġudikat fuq proċeduri ta' *infringement.* Qal

li l-Istat la għandu jiġi ppreġudikat u lanqas favorit billi jkun hemm ġudikat minn organu ġudizzjarju dwar *infringement proceedings.* Għal dawn ir-raġunijiet, spjega l-appellat, dan l-aggravju huwa wieħed pależament improponibbli u għandu jiġi dikjarat bħala tali.

12. L-appellat żied jgħid li r-riferiment għall-*infringement proceedings* huwa żbaljat ukoll, għaliex dawn il-proċeduri jirreferu għar-rekwiżiti tal-lingwa u mhux għar-rekwiżiti tal-kors imsemmi fl-appell. Qal li r-rekwiżit tal-lingwa ġie sodisfatt, u għalhekk kull riferiment għal dawn l-*infringement proceedings* huwa irrilevanti.

13. L-appellat qal ukoll li r-rifjut tal-Aġenzija Identity Malta huwa bbażat fuq rekwiżit statutorju *ai termini* ta' liġi li implimentat id-direttiva 2003/109/KE, u l-artikolu 5(2) tal-imsemmija Direttiva li jistipula illi:

> *"Member States may require third-country nationals to comply with integration conditions, in accordance with national law."*

Ir-*recital* 4 tal-istess Direttiva jipprovdi li:

> *"The integration of third-country nationals who are long-term residents in the Member States is a key element in promoting economic and social cohesion, a fundamental objective of the Community stated in the Treaty."*

14. L-appellat qal ukoll li huwa minnu li l-appellant għandu *residence permit* abbażi ta' status ta' *self-employed,* u mhux *single permit,* u dan huwa validu sat-28 ta' Novembru, 2021. Qal li l-appellant ser jibqa' jgawdi dak l-istatus u jista' jerġa' japplika sabiex iġeddu. Żied jgħid li dan ma jfissirx li l-konsiderazzjonijiet

magħmula mill-Bord u d-deċiżjoni *per se* hija invalida, iżda dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ġie ordnat li l-appellant jingħata *single permit,* għandha tiġi skartata u/jew sorvolata. L-appellat qal li ma hemm xejn x'ixekkel lill-appellant milli jsegwi l-kors mitlub fir-regolament 5(3)a) tal-Liġi Sussidjarja 217.05, u jerġa' japplika għal *long term residence status.* Qal ukoll li dan il-kors huwa offrut bla ħlas u diġà ġie segwit minn mijiet ta' applikanti minn pajjiżi terzi. L-appellat finalment qal ukoll li din il-Qorti m'għandhiex il-poter tordna lill-Aġenzija Identity Malta tagħti *long term residence status* lill-appellant, għaliex din il-Qorti ma tarrogax poteri deċiżjonali tal-awtoritajiet, iżda tista' tasal biss biex tordna r-revoka tad-deċiżjoni tal-Bord.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Il-Qorti kkonsidrat il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri. L-appellant huwa ċittadin ta' pajjiż terz li ilu jgħix u jaħdem hawn Malta bħala tabib għal diversi snin. Fir-rikors tal-appell tiegħu, ir-rikorrent jgħid li huwa jesperjenza problemi kull darba li jiġi biex iġedded il-permess ta' residenza u l-liċenzja tal-impjieg tiegħu, u huwa għalhekk li applika għal status ta' resident li joqgħod għal żmien twil, sabiex jevita li jħabbat wiċċu ma' problemi amministrattivi kull darba li jagħmel applikazzjoni bħal din. Il-*long-term residence permit* li applika għalih l-appellant ġie rifjutat wara li ġie stabbilit mill-Aġenzija Identity Malta u wara mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni li l-appellant ma ssodisfax ir-rekwiżiti tas-sub-artikolu (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05, li jelenka diversi kundizzjonijiet li applikant irid jissodisfa sabiex jitqies li qiegħed jintegra fis-soċjetà Maltija u b'hekk jingħata l-*long-term residence permit.*

16. Id-Direttur appellat fir-risposta tiegħu qal li l-appell intavolat mill-appellant għandu jiġi rifjutat għaliex dan l-appell huwa bbażat fuq punti ta' fatt u mhux fuq punti ta' dritt, u għalhekk għandu jitqies li mhux ammissibbli stante li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jsiru biss fuq punti ta' dritt u mhux fuq punti ta' fatt. Fil-fatt l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

> "Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri)."

*L-ewwel aggravju:* *[il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti]*

17. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti li kellu quddiemu. L-appellant għamel riferiment għall-korsijiet ikkontemplati fir-Regolament 3(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05, u qal li dawn huma maħsuba sabiex jgħinu lill-espatrijati jintegraw ruħhom fis-soċjetà Maltija. Kompla jgħid li huwa integra fis-soċjetà Maltija b'diversi modi, fosthom billi jaħdem u jħallas it-taxxa fil-pajjiż, u anki jimpjega persuni Maltin miegħu, u dan minkejja li jirriżulta li fil-fatt huwa naqas milli jattendi għall-korsijiet kollha msemmija fil-Leġislazzjoni Sussidjarja. Fil-fehma tal-appellant għalhekk, din il-Qorti għandha ssib li l-Bord bid-deċiżjoni tiegħu mar kontra l-ispirtu tal-Leġislazzjoni Sussidjarja applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, għaliex l-appellant wera b'diversi modi li huwa integra fis-soċjetà Maltija, anki jekk m'attendiex għal-lezzjonijiet u l-korsijiet stipulati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja.

18. Il-Qorti tqis illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti tagħmel ri-eżami tal-fatti u tal-provi miġjuba quddiem l-awtorità kompetenti u quddiem il-Bord, bit-tama li din il-Qorti tasal għal konklużjoni differenti minn dik li waslu għaliha l-Aġenzija Identity Malta u l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Dan il-Qorti ma tistax tagħmlu. Hawn il-Qorti sejra tiċċita minn dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emmanuel Mifsud *vs.* Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp**[1], fejn ingħad illi:

> "Din il-Qorti tista' tirrevedi **biss** kwistjonijiet dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun neċessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun ġiet diskussa u eluċidata fil-motivazzjoni u li tkun ġiet definita fid-deċiżjoni appellata."

19. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant donnu qiegħed jistieden lil din il-Qorti tgħaddi ġudizzju dwar jekk bil-profil tiegħu u bil-kontribut li huwa ta lis-soċjetà Maltija tul is-snin li ilu jgħix hawn Malta, hu għandux jitqies li integra fis-soċjetà Maltija b'mod suffiċjenti. L-appellant donnu qiegħed jargumenta wkoll li hemm lok fejn din il-Qorti ssib li l-kontribut li huwa ta lis-soċjetà Maltija tul is-snin li ilu jgħix hawn Malta, jista' b'xi mod jegħleb ir-rekwiżit li jattendi l-korsijiet imsemmija fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05, xi ħaġa li ġie ppruvat li huwa naqas milli jagħmel. Din il-Qorti hija prekluża milli tasal għal din il-konklużjoni, u hija l-liġi stess li tippreskludiha milli tagħmel dan. Fi kwalunkwe każ il-liġi hija ċara u s-sub-inċiż (3) tas-sub-artikolu (5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jistipula li, *'ċittadin ta' pajjiż terz __għandu__ jġib provi'*

[1] 31.05.1996.

(sottolinear tal-Qorti), u fi kwalunkwe każ il-ħsieb tal-leġislatur kien li persuni bħall-appellant iġibu prova li huma qegħdin isegwu l-korsijiet stipulati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja, u l-ebda fattur ieħor m'għandu jitqies li jieħu post dawn il-korsijiet stipulati fil-liġi. Għaldaqstant tqis illi l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-Bord għamel apprezzament żbaljat tad-dritt]*

20. L-appellant għamel riferiment għall-*infringement proceedings* mibdija mill-Kummissjoni Ewropea in vista tal-fatt li r-rekwiżiti marbuta mal-integrazzjoni applikabbli għall-proċeduri ta' status ta' resident li joqgħod għal żmien twil, huma aktar onerużi mir-rekwiżiti sabiex persuna titqies ċittadina permezz tan-naturalizzazzjoni.

21. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li huwa minnu li l-Kummissjoni Ewropea nediet *infringement proceedings* fir-rigward, madanakollu l-proċess għadu mhux konkluż u għad mhemm l-ebda deċiżjoni kontra Malta dwar din l-anomalija bejn ir-rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti għaż-żewġ ċirkostanzi differenti. Jirriżulta wkoll li d-Direttiva 2003/109/KE tistipula li l-Istati Membri jistgħu jitolbu ċittadini minn pajjiżi terzi jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-integrazzjoni skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż, u li proprju s-subinċiż (3) tas-sub-artikolu (5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.05 kien imfassal proprju biex jindirizza dan ir-rekwiżit. F'dan l-istadju, ladarba l-imsemmi rekwiżit għadu jifforma parti mil-liġi Maltija, din il-Qorti ma tistax issib li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi

applikabbli, u għalhekk tqis li dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, għajr għall-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż li s-*single permit* tal-appellant għandu jiġġedded, u dan ladarba ġie stabbilit li l-permess ta' residenza li għandu l-appellant ingħatalu abbażi tal-istatus tiegħu ta' *self-employed* u li dan l-i*status* tiegħu jista' jibqa' jiġġedded.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**